IT-TRIBUNAL TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI

Illum it-22 t' April, 2026

Rikors numru: BCT/22/2026

Membri:

Avukat Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.

Perit Robert Sarsero BE&A(Hons), A&CE

Ing. Anthony Camilleri B.Mech.Eng (Hons), FVCM (Hons) L. (Mus.) V.C.M. (Hons.), A. (Mus.) L.S.M.

Terence Sciberras

vs

Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni

It-Tribunal,

Ra r-rikors tal-appell maghmul permezz t' email datata 25 ta' Frar, 2026 mill-Perit Jonathan Schembri fejn giet ikkontestata d-decizjoni tal-Awtorita` intimata datata wkoll 25 ta' Frar, 2026 li permezz taghha l-istess Awtorita` imponiet penali amministrattiva fl-ammont ta' hames mitt euro (€500) in vista ta' ksur tal-Legislazzjoni Sussidjarja 623.08 tramite hrug mis-sit jew rimi ta' zebgha, zjut, materjal iehor, skart fis-siti pubblici. Permezz ta' tali appell jitressaq is-segwenti aggravju:

> *I would like to appeal this penali in caption since this little dust in the photos were not done by the contractor. In fact, if you see the photos of the pavement it is clean. Also on the day of these photos the contractor did not use the road to lower any material above since this needs to be done bycrane. I think it is*

more likely to be dirt collected from the street by the rain since the road is quite flat (without falls).

Ra r-risposta tal-Awtorita' appellata li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

1. *Illi l-Awtorità appellata qegħda umilment tissottometti li kwalunkwe deċiżjoni meħuda kienet in konformita' ma' dak rikjest mil-liġi, u kwindi korretta f'kull aspett;*

2. *Illi qieghed jkun anness u mmarkat bhala Dok BCA1 Affidavit tal-Ufficjal tal-Awtorita` liema jispjega c-cirkostanzi tal-penali imposta*

3. *Ghaldaqstant fuq dak suindikat, l-Awtorita` appellata qiegheda umilment titlob lil dan l-Onor. Tribunal sabiex jichad l-appell odjern.*

4. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Ra l-atti u d-dokumenti kollha inkluz l-affidavit tal-ufficjal Fernant Farrugia u r-ritratti annessi mal-istess.

Sema' x-xhieda tal-Perit Jonathan Schembri waqt is-seduta tal-14 t' April, 2026 meta l-partijiet iddikjaraw li m'ghandhomx aktar provi x'jipproducu u l-appell gie differit ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra

Jirrizulta li l-Awtorita` qed takkuza lill-appellant bi "*Hrug mis-sit jew rimi ta' zebgh, zjut, materjaliehor, skart fis-siti pubblici*" bi ksur tal-Legislazzjoni Sussidjarja 623.08.

A sostenn ta' tali akkuza xehed Terence Sciberras, ufficjal fi hdan l-istess Awtorita`, permezz t'affidavit fejn ikkonferma Trail of Events li minnu jirrizulta s-segwenti:

i. Fil-21 ta' Frar, 2026 dahal ilment dwar hmieg fil-vicinanzi tas-sit

ii. Fit-23 ta' Frar, 2026 saret spezzjoni fejn irrizulta li s-sit kien maghluq u l-vicinanzi mizmuma nodfa

iii. Fil-25 tat' Frar, 2026 saret spezzjoni ohra fejn il-vicinanzi tas-sit instabu mahmugin. F'dik l-okkazzjoni ittiehdu zewg ritratti (Photos 3 u 4) u inharget il-penali.

iv. Fis-26 ta' Frar, 2026 intbaghtet email bi struzzjonijiet ghat-tindif fil-vicinanzi tas-sit

v. Fis-27 ta' Frar 2026 saret spezzjoni fejn is-sit irrizulta imnaddaf.

Permezz tal-appell tieghu, l-appellanti jikkontendi li l-hmieg nutat mill-ufficjal ma kienx kawzat minnu. F'dan ir-rigward, it-Tribunal fela r-ritratti prodotti mill-istess ufficjali minn fejn jirrizulta car li l-hmieg lamentat huwa kostitwit minn trab fin imma sostanzjali evidentement derivanti minn materjal tal-kostruzzjoni. Jidher hafna trab abjad taht il-bankina imma wkoll fuq il-banika, appuntu quddiem is-sit mertu ta' dan l-appell. Tali trab mhux kompatibbli ma' hmieg jew skart migbud mix-xita. Lanqas ma tressqet xi prova li tista' tinduci fit-Tribunal id-dubbju dwar is-sors tal-istess. Fil-fatt, tenut kont ta' dak li jirrizulta car minn tali ritratti, it-Tribunal m'ghandu l-ebda dubbju li t-trab fit-triq kien effettivament derivanti mis-sit li kien taht il-kontroll tal-applikant.

Permezz tax-xhieda tieghu, il-Perit Jonathan Schembri ikkontenda wkoll is-segwenti a sostenn tal-appell maghmul minnu a nom tal-klijent tieghi: "*Nghid ukoll illi r-ritratti ittiehdu filghodu, wara ;i sar l-ilment, it-trab kollu li kien hemm inkines. U ghalhekk ritratt numru 5 jindika t-triq nadifa. Jien nghid ukoll li l-multa ta' 500 ewro hija wahda eccessiva jekk wiehed jikkunsidra li t-trab li kien hemm gie miknus mil-ewwel.*"

Kif inghad hawn fuq, l-ufficjal tal-Awtorita` sab it-triq mahmuga fil-25 ta' Frar, 2026 u baghat avviz lill-appellanti sabiex inaddaf l-ghada fis-26 ta' Frar. Meta mar jispezzjona s-sit fis-27 ta' Frar, ossija jum wara, huwa sabu nadif. Ghalkemm kif jinsab ripetutament nutat minn dan it-Tribunal, LS 623.08 senjatament l-art. 6 tal-Ewwel Skeda jehtieg testwalment: ***(ċ) tindif immedjat ta' materjal relatat max-xogħlijiet li seta' waqa jew tniġġiż***; Din id-disposizzjoni giet regolarment interpretata minn dan it-Tribunal bis-segwenti mod:

> *Il-kelma "immedjat" palezement tezigi li l-hmieg jitnaddaf hekk kif jigi krejat u kwindi minnufih, immedjatament. Il-kelma u l-ispirtu tal-ligi ma jistghux jigu*

> *interpretata xort'ohra anke ghaliex kull waqt li hmieg, ikun tajn jew terrapien, jithalla fuq is-sit jew fil-vicinanzi tieghu, dan jista' jkun kawza ta' perikolu ghas-sahha tan-nies oltre milli naturalment jaffetwa l-amenita` generali taz-zona. Huwa minnu li, almenu skont l-appellanti, il-kuntrattur taghha kien qed inaddaf – u b'dan wiehed jifhem li l-kuntrattur kien qed inehhi r-rampa li holoq hu stess b'hamrija u materjal, taht il-bankina – wara kull gurnata tax-xoghol. Madanakollu, anke kieku dan jirrizulta pruvat, dan mhuwiex dak li trid il-ligi. Il-ligi ma tghidx li s-sit irid jitnaddaf biss wara li l-kuntrattur ikun spicca mix-xoghol imma tezigi proprju li tindif ikun wiehed immedjat.* (**BCT 29/2025** deciz fis-27 t'Awwissu, 2025)

Ghalkemm il-fatt wahdu li l-ufficjal sab it-triq mahmuga meta mar jispezjona s-sit fil-25 ta' Frar, 2026 huwa indikattiv li l-appellanti ma kienx qed jimxi skrupolozament mal-ligi kif hawn fuq riportata u interpretata mit-Tribunal, huwa car li f'dan il-kaz, l-appellanti agixxa tempestivament billi naddaf is-sit f'temp ta' ftit hin tant illi wara li ge avzat mill-Awtorita`, meta l-ufficjal rega mar jispezjona sab it-triq nadifa. Dan ghandu certament jinfluwixxi fuq il-penali mahruga fejn allura it-Tribunal ikollu jaqbel mal-appellanti li, tenut kont tac-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, inkluz l-estent tal-hmieg riskontrat u l-azzjoni tempestiva tal-appellanti, penali ta' hames mitt euro hija certament wahda eccessiva.

Fic-cirkostanzi, simili ferm ghal dawk riskontrati mit-Tribunal fil-kaz fl-ismijiet **Andrea Abela vs Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni** (BCT/54/2025) u **Jonathan Bugeja vs Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni** (BCT71/2025), it-Tribunal isib li f'dan il-kaz ukoll il-penali mahruga mill-Awtorita` kienet wahda eccessiva u ser ikun qed jirriduciha ghall-minimu skont il-ligi tenut kont in-natura tal-imputazzjoni, fis-somma ta' mitejn u hamsin euro (€250).

Decide

Għaldaqstant it-Tribunal, in vista tar-raġunijiet imsemmija hawn fuq qiegħed jilqa' l-appell limitatament sakemm kompatibbli mas-surreferit u qieghed ghaldaqstant jirriduci l-penali imposta ghas-somma ta' mitejn u hamsin euro (€250) filwaqt li jikkonferma d-decizjoni appellata ghall-bqija.

Dr Philip M. Magri	**Perit Robert Sarsero**	**Ing. Anthony Camilleri**
Chairperson	Membru	Membru